**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 11.12.11: IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT**
Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri. Nagħmel appell biex ngħinu mill-aħjar.

**KORS GĦALL-GĦARAJJES**

**Fil-11.15a.m.** Ikollna laqgħa oħra ta' formazzjoni fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.
Din il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali
Wara l-laqgħa, dawn il-koppji se jkollhom riċeviment apposta għalihom.

**IT-TNEJN, 12.12.11: Fit-8.30a.m.** Quddiesa għat-Tfal tal-Iskola.

## GRUP TA' TALB TAL-IRĠIEL

**Fis-6.30p.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' talb għall-Irgiel .
Din se tkun fil-knisja tkun miftuħa għall-Irġiel kollha.
Se tkun bi tħejjija għall-Milied Imqaddes u għalhekk inħajru iktar irġiel jieħdu sehem fiha.

**IT-TLIETA, 13.12.11: ŻJARA LIS-SORIJIET KLARISSI**
**Fil-10.30p.m.** Il-Grupp tal-Adolexxenti Bniet tal-Forms 2 u 3 se jkollhom laqgħa għand is-Sorijiet Klarissi fil-monasteru tagħhom ħdejn Manresa, u jippreżentawlhom hamper b'oġġetti tal-ikel.

**GRUPP TAL-KELMA TA' ALLA**

**Fis-6.30p.m.** Issir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla.
Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**L-ERBGĦA, 14.12.11: LAQGĦA TA' TALB**
**Fis-6.30p.m.** Se ssir laqgħa ta' Talb għall-Adolexxenti bniet tal-forms 2 u 3 flimkien mal-ġenituri tagħhom.
Din se tkun fil-knisja u wara, dawk preżenti se jkollhom riċeviment fis-sala.

**IL-ĦAMIS, 15.12.11: BIDU TAN-NOVENA**
Illum se nibdew in-Novena bi tħejjija għall-Milied Imqaddes. Din is-sena li tkun marbuta mal-Ministeri u għalhekk , kuljum se jkun hemm personaġġ marbut mal-ġrajja tal-Milied u li jkun figura ta' xi ministeri li jkollna fil-knisja.
Nagħmel appell lill-ġenituri u anke lit-tfal biex jattendu għal din it-tħejjija spiritwali għall-Festa tal-Milied.

**IS-SIBT,17.12.11:** Illum se ssir laqgħa ta' talb għall-Persuni Kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tax-Xewkija. Il-ħin ikun mill-5.00p.m. sas-7.00p.m.

**IL-ĦADD, 18.12.11: IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jiġa amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
Illum c-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex ser ikun miftuh għall-kumdita' ta' min jixtieq jagħti d-demm. Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
Il-pubbliku hu mħeġġeġ biex bi ħġaru jagħti rigal li ma jistax jinxtara Borża Demm Importanti li kull min imur jieħu miegħu l-Karta tal-Identita'.

## IL-KALENDARJU TAL-PARROĊĊA

Qassamnielkom il-Kalendarju tal-Parroċċa matul din il-gimgħa. Jekk hemm xi familja li bi żball ma waslilhiex, huma mitluba biex jitolbuna wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali..

## PONSJETTI

Min jixtieq iħallas xitla tal-ponsjetta biex inżejnu l-knisja għall-Milied ikellimna fl-uffiċċju parrokkjali, matul din il-ġimgħa. Kull xitla tiswa **€4.** Grazzi.

**POGGI X-XBIEHA TA' ĠESU TARBIJA F'POST PROMINENTI FIL-FAMILJA.**
**MILIED BLA GESU MHUX MILIED.**